LEĦEN
IS-SANTWARJU
TA' ĦAŻ-ŻABBAR

LULJU 2021 – Ħarġa Nru: 193



*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

# FAŻI OĦRA TAL-ĦAJJA

Iċ-ċiklu tal-ħajja jwassal lil ħafna biex isiru anzjani u anke nanniet. Kull fażi f'ħajjitna hi importanti għax hi marbuta mal-oħra. Hawn min, din l-aħħar fażi tbeżżgħu għax jibda jaħseb biex jirtira, jibda jitfaċċa l-mard, il-bżonn li wieħed jidħol f'xi "home" u anke li jibda jidddependi aktar mill-oħrajn.

Fi żmienna, iż-żmien tal-anzjanità sar jingħata ħafna importanza. Twaqqfu gruppi ta' tagħlim għall-anzjani, saru skemi biex jinkuraġġixxu 'l dawk ta' fuq is-60 biex ikomplu jaħdmu b'mod limitat, twaqqfu diversi djar kif ukoll gruppi ta' rijabilitazzjoni u mogħdija taż-żmien għall-anzjani tagħna.

**Jum ġdid**

Dan kollu juri li żmien l-anzjanità mhux żmien moħli li ma tafx x'se tagħmel bih. Il-Papa, dis-sena waqqaf Jum iddedikat lin-Nanniet u l-Anzjani, il-Ħadd qabel is-26 ta' Lulju – it-Tifkira ta' San Ġwakkin u Sant'Anna. Dan għamlu għax jixtieq li aħna nagħrfu aktar ir-rwol tal-anzjani fis-soċjetà.



In-nanniet, illum, allanqas dawk li ma jaħdmux, għandhom rwol importanti fl-għajnuna li jagħtu lill-ġenituri fit-trobbija ta' wliedhom. Hi ħaġa sabiħa li l-anzjani tagħna jkollhom xi siegħat jew ġranet fil-ġimgħa fejn "iżommu" lin-neputijiet għandhom. Dan jgħinhom imorru lura fiż-żmien u jiftakru fit-trobbija ta' wliedhom. Imma l-ġenituri għandhom joqgħodu attenti li n-nanniet ma jgħejjewx billi ta' kuljum, ikollhom jagħtu attenzjoni lin-neputijiet għal siegħat sħaħ.

Dawn għandhom dritt għall-mistrieħ, għall-passatempi, il-qadjiet u l-ħruġ tagħhom – ħwejjeġ li ma tantx ikunu jistgħu jagħmluhom bin-neputijiet ta' kuljum magħhom.

**Doveri tal-anzjani**

Fil-messagg li l-Papa Franġisku ħareġ għall-ewwel Jum tan-Nanniet u l-Anzjani jgħid li, dawn għandhom jgħaddu lin-neputijiet "il-memorja" tagħhom, jiġifieri li jfakkruhom "fl-istorja" li huma għaddew minnha – dik ta' ħajjithom u tal-pajjiż li fih jgħixu. Altru din tinqara minn xi ktieb u altru tiġi mgħoddija minn ġenerazzjoni li tkun għexitha!

Barra minnhekk, il-Papa jisħaq fuq id-dover li n-nanniet jittrażmettu l-fidi tagħhom liż-żgħar. It-talb li kienu tgħallmu bl-amment fi ċkunithom u l-fidi ħajja li huma jkunu qed jgħixu, għandhom jgħadduhom lin-neputijiet sabiex dawn minn ċkunithom ikollhom bażi soda.

Għalkemm diversi nanniet jieħdu lin-neputijiet għall-quddiesa tal-Ħadd, dawn m'għandhomx jieħdu post id-dover tal-ġenituri li jakkumpanjaw lil uliedhom għall-quddiesa.

Il-ġenituri jagħmlu tajjeb li dan id-dover iħarsuh, ħalli meta mbagħad ma jkunux jistgħu, jitolbu lin-nanniet jidħlu flokhom. Il-quddiesa tal-11.30am fis-santwarju għandha l-iskop li kemm jista' jkun, il-ġenituri jakkumpanjaw lil uliedhom għall-quddiesa u jiddiskutu magħhom xi punt jew attività li tkun laqtithom.

**Missjoni**

Nawguraw lin-nanniet kollha, f'dan l-ewwel jum iddedikat għalihom min-naħa tal-Knisja, biex iħossuhom kburin li waslu f'dan l-istadju f'ħajjithom. Kuntrarju għal kif jaħsbu xi wħud, huma għad għandhom missjoni x'jaqdu kemm fil-familji tagħna kif ukoll fis-soċjetà. Fil-Knisja, il-missjoni ma tingħatax biss lil min ikun għadu żgħir u b'saħħtu, iżda anke lil min ikun kiber u wasal fl-aħħar fażi tal-ħajja tiegħu. Il-Papa Franġisku hu eżempju ħaj ta' dan!

***Dun Evan***

## NILTAQGĦU NHAR … LULJU 2021

**Ġimgħa 2:** *L-ewwel Ġimgħa tax-xahar.* Wara l-quddiesa tas-6.30pm isir ħin ta' adorazzjoni u barka Sagramentali. Fit-8.00pm tindaqq **Mota Solenni** mill-kampnari tas-santwarju u l-knejjes filjali biex tħabbar id-Disa' Sibtijiet bi tħejjija għall-festa tal-Grazzja.
**Sibt 3:** **L-Ewwel Sibt tal-Madonna tal-Grazzja**. Fis-5.50pm kurunella, funzjoni tas-Salve u quddiesa kantata bl-omelija.
**Ħadd 4:** **L-14-il Ħadd ts-sena.**
**Sibt 10:** *It-Tieni Sibt tal-Grazzja.* Fis-5.50pm kurnuella, Salve u quddiesa bl-omelija.
**Ħadd 11:** **Il-15-il Ħadd tas-sena.**
**Ħamis 15:** San Bonaventura, isqof u duttur tal-Knisja – Tifkira O
**Ġimgħa 16:** Il-Verġni Marija tal-Għolja tal-Karmelu – Tifkira
**Sibt 17:** *It-Tielet Sibt tal-Grazzja.* Fis-5.50pm kurunella, Salve u quddiesa bl-omelija.
**Ħadd 18:** **Is-16-il Ħadd tas-sena**
**Ħamis 22:** Santa Marija Maddalena – Festa
**Ġimgħa 23:** Santa Briġida, reliġjuża u patruna tal-Ewropa – Festa
**Sibt 24:** *Ir-Raba' Sibt tal-Grazzja.* Fis-5.50pm kurunella, Salve u quddiesa bl-omelija.
**Ħadd 25:** **Is-17-il Ħadd tas-sena.** *Jum in-Nanniet u l-Anzjani.*
**Tnejn 26:** San Ġwakkin u Sant'Anna – Tifkira O
**Ħamis 29:** Santa Marta – Tifkira O
**Sibt 31:** San Injazju ta' Loyola, presbiteru – Tifkira O. *Il-Ħames Sibt tal-Grazzja.* Fis-5.50pm kurunella, Salve u quddiesa bl-omelija.

P.S.
* Kull nhar t'Erbgħa, fis-6.30pm (mill-14 ta' Lulju 'il quddiem), se ssir quddiesa għat-tfal u l-ġenituri tagħhom fis-santwarju. It-tfal jiltaqgħu għal attività għalihom fis-5.45pm, fis-sala Notre Dame.
* Il-quddiesa tal-11.30am għall-Familji tibqa' ssir bħas-soltu.
* Mill-Ħadd 18 ta' Lulju (matul il-jiem tas-sajf), il-quddiesa tal-Ħadd filgħaxija se tibda tkun fis-6.00pm mhux fil-5.30pm.

### INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM

Tony Mercieca (71), Michael Camilleri (78), Jane Bugelli (73), Manning Brandon (52), Carmelo Camilleri (91), Giovanni Baron (73).
*Agħtihom, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.*